

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Settembru 1983

dwar il-limitu ta' valuri u objettivi ta' kwalità għall-iskariku tal-kadmju

(83/513/KEE)

(ĠU L 291, 24.10.1983, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|--------------------|--|------------------|-------|------------|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ► <u>M1</u> | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru, 1991 | L 377 | 48 | 31.12.1991 |
| ► <u>M2</u> | Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 | L 348 | 84 | 24.12.2008 |



ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Settembru 1983

dwar il-limitu ta' valuri u objettivi ta' kwalità għall-iskariku tal-kadmju

(83/513/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 100 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 76/464/KEE ta' l-4 ta' Mejju 1976 dwar it-tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi li jintremew fl-ambjent akwatiku tal-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 12 ta' din,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽³⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽⁴⁾,

Billi, biex jiġi protett l-ambjent akwatiku tal-Komunità mit-tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/464/KEE jintroduċi sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel li tistabbilixxi *standards* ta' skariku tas-sustanzi msemmija fil-Lista I fl-Anness ta' din; billi l-Artikolu 6 tad-Direttiva msemmija jistabbilixxi l-valuri ta' limitu li għandhom jiġu stabbiliti għal dawn l-*standards* ta' skariku, kif ukoll l-għanijiet ta' kwalità għall-ambjent akwatiku affettwat bl-iskariku ta' dawn is-sustanzi;

Billi l-kadmju u l-komposti tiegħu huma inklużi fil-Lista I;

Billi l-Istati Membri huma mitluba biex japplikaw il-valuri ta' limitu, bl-eċċezzjoni ta' każi fejn dawn jistgħu japplikaw għanijiet ta' kwalità;

Billi, peress li t-tniġġis ikkawżat mill-iskariku ta' kadmju fl-ilma jiġi kkawżat minn numru kbir ta' industriji, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu speċifiċi in konformità mat-tip ta' l-industrija kkonċernata, u li jiġu stabbiliti għanijiet ta' kwalità għall-ambjent akwatiku li fih il-kadmju jintrema minn dawn l-industriji;

Billi, pero', fil-preżent mhuwiex possibbli li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għal skariku li ġejja mill-manifattura ta' aċtu fosforiku u fertilizzant fosfatiku minn blat fosfatiku;

Billi l-objettiv ta' l-għanijiet ta' kwalità għandu jkun li jelimina t-tniġġis tal-kadmju mid-diversi partijiet ta' l-ambjent akwatiku li jistgħu jkunu affettwati bl-iskariku tal-kadmju;

Billi dawn l-għanijiet ta' kwalità għandhom ikunu stabbiliti espressament għal dan l-għan u mhux bl-intenzjoni li jistabbilixxu regoli għall-protezzjoni tal-konsumatur jew għat-tmexxija ta' prodotti fis-suq mill-ambjent akwatiku;

Billi għandha tiġi stabbilita proċedura speċifika ta' sorveljanza biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jaraw li l-għanijiet ta' kwalità jkunu qed jiġu mħarsa;

Billi għandhom isiru dispożizzjonijiet għas-sorveljanza mill-Istati Membri ta' l-ambjent akwatiku affettwat bl-iskariku tal-kadmju msemmi fuq, bl-intenzjoni li jkun hemm implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva; billi l-Artikolu 6 tad-Direttiva 76/464/KEE ma jipprovdiex poteri biex tiġi introdotta din is-sorveljanza; billi, peress li l-poteri

⁽¹⁾ ĠU L 129, tat-18.5.1976, p. 23.

⁽²⁾ ĠU C 118, tal-21.5.1981, p. 3.

⁽³⁾ ĠU C 334, ta' l-20.12.1982, p. 138.

⁽⁴⁾ ĠU C 230, ta' l-10.9.1981, p. 22.

▼B

speċifiċi ma g'ewx stabbiliti fit-Trattat, l-Artikolu 235 ta' dan għandu jkun applikat;

Billi huwa importanti li l-Kummissjoni tgħaddi lill-Kunsill, kull ħames snin, stima komparattiva ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri;

Billi, peress li l-ilma ta' taħt l-art huwa s-suġġett tad-Direttiva 80/68/KEE ⁽¹⁾, dan huwa eskluż mill-iskop ta' din id-Direttiva;

Billi l-livell ta' l-industrijalizzazzjoni huwa baxx ħafna fi Greenland minħabba s-sitwazzjoni ġenerali ta' dik il-gżira, u b'mod speċjali l-fatt li ma tantx hija popolata, il-qies konsiderevoli tagħha, kif ukoll il-pożizzjoni ġeografika tagħha; billi, għalhekk, din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal Greenland,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva:

- in konformità ma' l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 76/464/KEE, tistabbilixxi l-valuri ta' limitu għall-*standards* ta' skariku ta' kadmju li jintrema minn impjanti industrijali, hekk kif deskritt fl-Artikolu 2(e) ta' din,
- in konformità ma' l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 76/464/KEE, tistabbilixxi l-għanijiet ta' kwalità għall-kadmju fl-ambjent akwatiku,
- f'konformità ma' l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 76/464/KEE, tistabbilixxi l-limitu ta' żmien għal konformità mal-kondizzjonijiet speċifikati fl-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fejn jidħol skariku eżistenti,
- in konformità ma' l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 76/464/KEE, tistabbilixxi l-metodi ta' referenza biex jitkejjel il-kontenut ta' kadmju li jintrema u li jkun hemm fl-ambjent akwatiku,
- in konformità ma' l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 76/464/KEE, twaqqaf proċedura ta' sorveljanza,
- titlob lill-Istati Membri biex jikooperaw ma' xulxin fil-każ ta' skariku li taffettwa l-ilmijiet ta' aktar minn Stati Membru wieħed.

2. Din id-Direttiva tapplika għall-ilmijiet msemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 76/464/KEE bl-eċċezzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art.

Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) "kadmju" tfisser:
 - l-element kimiku magħruf bħala kadmju,
 - il-kadmju li jkun jinsab f'xi wieħed mill-komposti tiegħu;
- (b) "valuri ta' limitu" tfisser il-valuri speċifikati fl-Anness I;
- (ċ) "għanijiet ta' kwalità" tfisser il-kriterji speċifikati fl-Anness II;
- (d) "immaniġġjar ta' kadmju" tfisser kull proċess industrijali li jinvolvi l-użu jew il-produzzjoni tal-kadmju, jew kull proċess ieħor li fih il-preżenza ta' kadmju hija inerenti;
- (e) "Impjant industrijali" tfisser kull impjant li fih il-kadmju jew xi sustanza oħra li jkun fiha l-kadmju tkun immaniġġjata;

⁽¹⁾ ĠU L 20, tas-26.1.1980, p. 43.

▼B

- (f) “impjant eżistenti” tfisser impjant industrijali li jkun jaħdem fid-data tan-notifika ta’ din id-Direttiva;
- (g) “impjant ġdid” tfisser:
- impjant industrijali li jkun beda jopera wara d-data tan-notifika ta’ din id-Direttiva,
 - impjant industrijali li l-kapaċità ta’ l-ipproċessar tal-kadmju tkun żdiedet sostanzjalment wara d-data tan-notifika ta’ din id-Direttiva.

Artikolu 3

1. Il-valuri ta’ limitu, il-limiti ta’ żmien li fihom dawn għandhom jiġu osservati u l-proċeduri ta’ sorveljanza dwar l-iskariku huma stabbiliti fl-Anness I.

2. Il-valuri ta’ limitu normalment għandhom japplikaw fil-punt fejn l-ilma maħmuġ li jkun fih il-kadmju iħalli l-impjant industrijali.

Meta l-ilma mniġġes li jkun fih il-kadmju jiġi ttrattat barra l-impjanti industrijali f’impjant ta’ trattament maħsub għall-eliminazzjoni tal-kadmju, l-Istati Membri jistgħu jħallu l-valuri ta’ limitu biex jiġu applikati fil-punt fejn l-ilmijiet imniġġsa jħallu l-impjant tat-trattament.

3. L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 76/464/KEE għandu jkollhom dispożizzjonijiet stretti daqs dawk li hemm fl-Anness I għal din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni fejn Stat Membru jkun qed jikkonforma ruħu ma’ l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 76/464/KEE fuq il-bażi ta’ l-Annessi II u IV ta’ din id-Direttiva.

L-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu riveduti għal ta’ lanqas darba kull erba’ snin.

4. Mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet tagħhom li jinsabu fil-paragrafi 1, 2 u 3 u għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/464/KEE, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-awtorizzazzjoni għal impjanti ġodda biss jekk dawk l-impjanti japplikaw il-*standards* ta’ kwalità li jikkorrispondu għall-aħjar mezz tekniċi disponibbli meta dak ikun neċessarju għall-eliminazzjoni tat-tniġġis fin konformità ma’ l-Artikolu 2 tad-Direttiva msemmija, jew għall-prevenzjoni ta’ distorzjoni ta’ kompetizzjoni.

Kwalunkwe metodu li l-Istat Membru jadotta, għandu, fejn għal raġunijiet tekniċi l-miżuri maħsuba ma jkunux jikkorrispondu ma’ l-aħjar mezz tekniċi disponibbli, jipprovdi lill-Kummissjoni, qabel kull awtorizzazzjoni, b’evidenza li ssostni dawn ir-raġunijiet.

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-evidenza lill-Istati Membri l-oħra immedjatament u għandha tibgħat lill-Istati Membri kollha rapport kemm jista’ jkun malajr li fih tagħti l-opinjoni tagħha dwar id-deroga msemmija fit-tieni subparagrafu. Jekk ikun meħtieġ, fl-istess ħin għandha tissottometti proposti xierqa lill-Kunsill.

5. Il-metodu ta’ referenza ta’ analiżi li għandu jintuża biex jistabbilixxi l-preżenza ta’ kadmju huwa mogħti fl-Anness III (1). Metodi oħra jistgħu jintużaw, basta li l-limiti ta’ kixfa, preċiżjoni u eżattezza ta’ dawn il-metodi jkunu tajbin daqs dawk stabbiliti fl-Anness III (1). L-eżattezza meħtieġa fil-kejl ta’ skariku hija mogħtija fl-Anness III (2).

Artikolu 4

L-Istati Membri kkonċernati għandhom ikunu responsabbli għas-sorveljanza ta’ l-ambjent akwatiku affettwat minn skariku ta’ skart industrijali.

Fil-każ ta’ tniġġis li jaffettwa l-ilmijiet ta’ aktar minn Stati Membru wieħed, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikooperaw bejniethom biex jarmonizzaw il-proċeduri ta’ sorveljanza.

▼B*Artikolu 5***▼M1**

1. F'intervalli ta' tliet snin l-Istati Membri għandhom jibagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, permezz ta' rapport settorjali li għandu jiġbor fih ukoll Direttivi oħra rilevanti tal-Komunità. Dan ir-rapport għandu jkun imsejjes fuq kwestjonarju jew punti prinċipali magħmula mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE ⁽¹⁾. Il-kwestjonarju jew punti prinċipali għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri sitt xhur qabel ma jibda l-perjodu li għalih ikun sar ir-rapport. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni fi żmien disa' xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin li għalih ikun sar.

L-ewwel rapport għandu jkun għall-perjodu mill-1993 sa l-1995, biż-żewġ dati magħduda.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport tal-Komunità dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva fi żmien disa' xhur minn meta tirċievi r-rapporti mill-Istati Membri.

▼B

2. Fil-każ li jkun hemm bidla fl-għarfien xjentifiku li jittratta prinċipalment fuq it-tossiċità, il-persistenza u l-akkumulazzjoni tal-kadmju fi ħlejjaq ħajjin u alluvium, jew fil-każ li jkun hemm żvilupp fl-aħjar mezz tekniki disponibbli, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti xierqa lill-Kunsill bl-iskop li tinforza, jekk ikun hemm il-bżonn, il-valuri ta' limitu kif ukoll l-għanijiet ta' kwalità, jew li tistabbilixxi valuri ta' limitu ġodda jew għanijiet ta' kwalità ġodda.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom ipoġġu fis-seħħ il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ruħhom ma' din id-Direttiva fi żmien sentejn wara n-notifika tagħha. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam ikkontrollat b'din id-Direttiva.

Artikolu 7

Din id-Direttiva ma tapplikax għall-Groenlandja.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48.



L-ANNESS I

Valuri ta' limitu, limiti ta' żmien iffissati biex jikkonformaw ma' dawn il-proċeduri ta' valuri ta' sorveljanza li għandhom japplikaw għal skariku ta' tniġġis

1. Valuri ta' limitu u limiti ta' żmien

| Settur industrijali ⁽¹⁾ | Unitajiet ta' kejl | Valuri ta' limitu li għandhom jiġu osservati mill– | |
|---|---|--|-------------------------------|
| | | ta' l-1.1.1986 | ta' l-1.1.1989 ⁽²⁾ |
| 1. tħaffir għaż-żingu, irfinar taċ-ċomb u ż-żingu, u l-industrija ta' metalli li ma fihomx hađid | Milligrammi ta' kadmju għal kull litru ta' skariku | 0,3 ⁽³⁾ | 0,2 ⁽³⁾ |
| 2. Manifattura ta' komposti ta' kadmju | Milligrammi ta' kadmju għal kull litru ta' skariku | 0,5 ⁽³⁾ | 0,2 ⁽³⁾ |
| | Grammi ta' kadmju mormi għal kull kilogramm ta' kadmju użat | 0,5 ⁽⁴⁾ | ⁽⁵⁾ |
| 3. Manifattura ta' żebgħa | Milligrammi ta' kadmju għal kull litru ta' skariku | 0,5 ⁽³⁾ | 0,2 ⁽³⁾ |
| | Grammi ta' kadmju mormi għal kull kilogramm ta' kadmju użat | 0,3 ⁽⁴⁾ | ⁽⁵⁾ |
| 4. Manifattura ta' stabilizzanti | Milligrammi ta' kadmju għal kull litru ta' skariku | 0,5 ⁽³⁾ | 0,2 ⁽³⁾ |
| | Grammi ta' kadmju mormi għal kull kilogramm ta' kadmju użat | 0,5 ⁽⁴⁾ | ⁽⁵⁾ |
| 5. Manifattura ta' batteriji primarji u sekondarji | Milligrammi ta' kadmju għal kull litru ta' skariku | 0,5 ⁽³⁾ | 0,2 ⁽³⁾ |
| | Grammi ta' kadmju mormi għal kull kilogramm ta' kadmju użat | 1,5 ⁽⁴⁾ | ⁽⁵⁾ |
| 6. Electroplating ⁽⁶⁾ | Milligrammi ta' kadmju għal kull litru ta' skariku | 0,5 ⁽³⁾ | 0,2 ⁽³⁾ |
| | Grammi ta' kadmju mormi għal kull kilogramm ta' kadmju użat | 0,3 ⁽⁴⁾ | ⁽⁵⁾ |
| 7. Manifattura ta' aċtu fosforiku u/jew fertilizzant fosfatiku minn blat fosfatiku ⁽⁷⁾ | | – | – |

⁽¹⁾ Valuri ta' limitu għas-setturi industrijali li mhumiex imsemmija f'din it-tabella għandhom, jekk ikun meħtieġ, jiġu ffissati mill-Kunsill aktar tard. Sadattant, l-Istat Membru għandu jiffissa b'mod awtonomu l-standards ta' skariku tal-kadmju in konformità mad-Direttiva 76/464/KEE. Dawn il-standards għandhom jikkunsidraw l-aħjar mezz tekniki disponibbli u m'għandhomx ikunu inqas stretti minn dawk li huma l-aktar komparabbli magħhom li hemm f'dan l-Anness.

⁽²⁾ Fuq il-bażi ta' esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha, skond l-Artikolu 5(3), tissottometti fi żmien qasir lill-Kunsill proposti għall-iffissar ta' valuri ta' limitu aktar stretti bl-iskop li għandhom jidhru fis-seħħ sal-1992.

⁽³⁾ Il-konċentrazzjoni medja tal-kadmju totali li jintrema mkejla kull xahar.

⁽⁴⁾ Il-medja ta' kull xahar.

⁽⁵⁾ Għal mument preżenti huwa impossibbli li jiġu ffissati valuri ta' limitu espressi f'termini ta' toqol. Jekk ikun jeħtieġ, dawn il-valuri għandhom jiġu ffissati mill-Kunsill in konformità ma' l-Artikolu 5(3) ta' din id-Direttiva. Jekk il-Kunsill ma jiffissa l-ebda valuri ta' limitu, il-valuri espressi f'termini ta' toqol li huma mogħtija fil-kolonna "ta' l-1.1.1986" għandhom jinżammu.

⁽⁶⁾ L-Istati Membri jistgħu jissospendu applikazzjoni ta' valuri ta' limitu sal-1 ta' Jannar 1989, fil-każ ta' impjanti li jarmu anqas minn 10 kg ta' kadmju fis-sena u li fihom il-volum totali tat-tankijiet ta' l-electroplating ikunu anqas minn 1,5 m³, jekk kunsiderazzjonijiet tekniċi u amministrattivi jagħmlu pass bħal dan assolutament meħtieġ.

⁽⁷⁾ Preżentament, m'hemm l-ebda metodi tekniċi li huma ekonomikament vijabbli għall-estrazzjoni sistematika ta' kadmju minn skariku li jkun ġejja mill-produzzjoni ta' l-aċidu fosforiku u/jew fertilizzanti fosfatiċi minn ġebel fosfatiku. Għal-hekk, ma ġew iffissati l-ebda valuri ta' limitu għal dawn it-tipi ta' skariku. In-nuqqas ta' dawn il-valuri ta' limitu ma jħollx lill-Istati Membri mill-obbligazzjoni tagħhom taħt id-Direttiva 76/464/KEE biex jiffissaw standards ta' skariku għal dawn it-tipi ta' skariku.

▼B

2. Valuri ta' limitu espressi bħala konċentrazzjonijiet, li fil-prinċipju m'għandhomx jinqabżu, huma mogħtija fit-tabella fuq għas-setturi industrijali fis-sezzjonijiet 2, 3, 4, 5 u 6. Fl-ebda ċirkostanza m'għandhom dawn il-valuri ta' limitu jkunu, espressi bħala konċentrazzjonijiet massimi, akbar minn dawk espressi bħala kwantitajiet massimi divisi bil-kriterji ta' l-ilma għal kull kilogramm ta' kadmju mmaniġġjat. Iżda, peress li l-konċentrazzjoni ta' kadmju fl-iskariku ta' tniġġis tiddependi fuq il-volum ta' ilma użat, li jkun differenti għal proċessi u impjanti differenti, il-valuri ta' limitu, espressi f'termini tal-kwantità ta' kadmju mormi meta mqabbel mal-kwantità tal-kadmju mmaniġġjat, murija fit-tabella ta' fuq għandhom jiġu mħarsa fil-każijiet kollha.
3. Il-valuri ta' limitu medji ta' kuljum ikunu d-doppju tal-valuri ta' limitu medji ta' kull xahar li jikkorrispondu, murija fit-tabella ta' fuq.
4. Għandha titwaqqaf proċedura ta' sorveljanza biex tivverifika jekk l-skariku ta' tniġġis ikunux jikkonformaw ma' l-i *standards* ta' skariku li jkunu ġew iffissati skond il-valuri ta' limitu stabbiliti f'dan l-Anness.

Din il-proċedura għandha ttiprovdi għat-teħid u l-analiżi ta' kampjuni, kif ukoll għall-kejl ta' skariku ta' tniġġis u l-kwantità ta' kadmju mmaniġġjat.

Jekk il-kwantità ta' kadmju mmaniġġjata tkun impossibbli li tiġi stabbilita, il-proċedura ta' sorveljanza tista' tiġi bbażata fuq il-kwantità ta' kadmju li jista' jintuża fid-dawl tal-kapaċità tal-produzzjoni li fuqha l-awtorizzazzjoni kienet ibbażata.

5. Għandu jittieħed kampjun rappreżentattiv ta' l-iskariku fuq perjodu ta' 24 siegħa. Il-kwantità ta' kadmju li tkun intremiet f'xahar għandu tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-kwantitajiet ta' kadmju li jintremew ta' kuljum.

Iżda, proċedura ta' sorveljanza aktar simplifikata tista' tiġi stabbilita fil-każ ta' impjant industrijali li ma jkunx jarmi aktar minn 10 kg ta' *cadmium* fis-sena. Fil-każ ta' impjanti industrijali ta' l-*electroplating*, proċedura ta' sorveljanza aktar simplifikata tista' tiġi stabbilita biss jekk il-volum totali ta' tankijiet ta' l-*electroplating* ikunu anqas minn 1,5 m³.

▼M2

*L-ANNESS III***Metodi ta' referenza ta' kejl**

1. Il-metodu ta' referenza ta' analiżi użat biex jistabilixxi l-kontenut ta' kadmju fl-ilma, f' depożiti u fi frott tal-baħar huwa dak magħruf bħala *atomic absorption spectrophotometry*. Dan il-metodu jista' jsir wara l-preservazzjoni u t-ttrament adattat tal-kampjun.

Il-limiti ta' determinazzjoni ⁽¹⁾ għandhom ikunu tali li l-konċentrazzjoni ta' kadmju tkun tista' titkejjel bi preċiżjoni ⁽¹⁾ ta' $\pm 30\%$ u għal preċiżjoni ⁽¹⁾ ta' $\pm 30\%$ b'dawn il-konċentrazzjonijiet li ġejjin:

- fil-każ ta' skariku, wieħed minn kull għaxra tal-konċentrazzjoni massima ta' kadmju permessa speċifikata fl-awtorizzazzjoni,
 - fil-każ ta' ilma tal-wiċċ, 0,1 µg/litru jew wieħed minn kull għaxra tal-konċentrazzjoni ta' kadmju speċifikata fl-għan ta' kwalità, liema minnhom ikun l-akbar,
 - fil-każ ta' frott tal-baħar, 0,1 mg/kg, toqol imxarrab,
 - fil-każ ta' depożiti, wieħed minn kull għaxra tal-konċentrazzjoni ta' kadmju fil-kampjun jew 0,1 mg/kg, toqol xott, fejn l-inxif ikun sar bejn 105 u 110 °C b'toqol kostanti, liema valur minnhom ikun l-akbar.
2. Il-kejl ta' l-iskariku għandu jsir għal eżattezza ta' $\pm 20\%$.

⁽¹⁾ Id-definizzjonijiet ta' dawn it-termini huma mogħtija fid-Direttiva tal-Kunsill 79/869/KEE tad-9 ta' Ottubru 1979 dwar il-metodi ta' kejl u l-frekwenzi ta' kemm jittieħdu kampjuni u ta' analiżi ta' l-ilma tal-wiċċ maħsub għax-xorb mill-bniedem fl-Istati Membri (ĠU L 271, tad-29.10.1979, p. 44).

*L-ANNESS IV***Proċedura ta' sorveljanza għall-għanijiet ta' kwalità**

1. Għal kull awtorizzazzjoni li tkun inqas in konformità ma' din id-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha tispeċifika r-restrizzjonijiet, il-proċedura ta' sorveljanza u l-limiti ta' żmien biex jiżguraw konformità mal-għanijiet ta' kwalità kkonċernati.
2. In konformità ma' l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 76/464/KEE, l-Istati Membri għandhom, għal kull għan ta' kwalità li huma jagħżlu u japplikaw, jirrapurtaw lill-Kummissjoni, fuq:
 - il-post fejn issir l-iskariku u l-mezzi li jintużaw fit-tixrid,
 - iż-żona li fiha l-għan ta' kwalità jkun applikat,
 - il-post fejn ikunu ttieħdu l-kampjuni,
 - il-frekwenza ta' kemm ittieħdu kampjuni,
 - il-metodi ta' kif ittieħdu l-kampjuni u kif dawn ġew imkejla,
 - ir-riżultati miksuba.
3. Il kampjuni għandhom ikunu suffiċjentement rappreżentattivi tal-kwalità ta' l-ambjent akwatiku fiż-żona milquta mill-skariku, u l-frekwenza ta' kemm jittieħdu kampjuni għandha tkun suffiċjenti biex turi xi tibdiliet fl-ambjent akwatiku, waqt li tikkunsidra, b'mod partikolari, il-varjazzjonijiet naturali fir-reġim idroloġiku.